MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 148/2013

**Emanuel Falzon**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Emanuel Falzon** ipprezentat fl-4 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi dan ir-rikors tal-appell qieghed isir mid-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Rapprezentazzjonijiet tal-Awtorita` intimata datata 19 ta' Awwissu 2013 (Referenza tal-Kaz Nru. TM681/2013) li permezz taghha gew michuda r-rapprezentazzjonijiet li kien ghamel l-appellant u l-istess appellant giet imposta fuqu penali amministrattiva ta' 500 u 50 punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizz ta' Garr ta' Passiggieri.*

*Illi fil-konfront tal-appellant kien inhareg Avviz datat 30 ta' Lulju 2013 permezz ta' liema giet inflitta fuqu penali amministrattiva ta' 500 u 50 punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizz ta' Garr ta' Passiggieri.*

*Illi l-appellant ressaq rapprezentazzjonijiet sabiex jispjega ghaliex huwa ma kellux jinstab hati ta' ksur tal-imsemmija Regolamenti izda tali rapprezentazzjonijiet gew michuda.*

*Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan l-appell.*

*Illi l-appellant jispjega illi l-akkuza mahruga fil-konfront tieghu fis-sens illi fit-23 ta' Lulju 2013 f'St. Andrews Road, San Giljan ghall-habta ta' 00:20hrs huwa haddem il-vettura tieghu tal-ghamla minibus bin-numru ta' registrazzjoni IMY-385 "regolarment ghall-kiri" hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li se jigu hawn spjegati.*

*illi l-fatti tal-kaz huma illi dakinhar l-appellant kien ghaddej bil-minibus tieghu minn got-triq imsemmija meta f'hin minnhom qamu tlett persuni li kienu jidhru li huma ta' nazzjonalita` Gharbija minn fuq stage u ttentaw li jidhlu fil-vann tieghu. L-appellant ma ppermettilhomx li jaghmlu dan u baqa' sejjer u pparkeggja l-minibus tieghu fiz-zona fejn normalment jipparkeggjaw il-minibuses biex jghabbu passiggieri li jkunu jridu jaghmlu uzu mis-servizz unscheduled tal-minibuses. Fil-fatt il-Koperattiva tal-Minibuses issa ghandha anke ufficcju gewwa Paceville proprju biex jigi kuntrattat dan ix-xoghol l-istess bhal ad ezempju tal-freephone taxis.*

*Illi l-appellant m'ghabbiex dawn il-persuni u ma tahomx servizz ta' trasport izda minkejja dan, l-ufficcjal tal-Awtorita` appellata hariglu t-ticket relattiv u ghalhekk huwa bil-wisq car u manifest illi l-akkuza fil-konfront tal-appellant hija kompletament infondata u ma treggix.*

*Illi ghaldaqstant l-appellant assolutament ma kienx qieghed 'ihaddem il-vettura tieghu regolarment ghall-kiri' kif gie akkuzat li ghamel u ghalhekk dan l-appell jimmerita li jigi akkolt.*

*Ghal dawn il-motivi l-appellant, filwaqt li jgib is-suespost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal u filwaqt illi jirrizerva d-dritt illi jressaq provi u jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, kemm orali u kif ukoll in iskritt, u b'rizerva ta' kull procedura gudizzjarja ohra li talvolta l-appellant jidhirlu li ghandu jistitwixxi in salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi tieghu, jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` appellata datata 19 ta' Awwissu 2013 (Referenza tal-Kaz Nru. TM681/2013) li permezz taghha giet imposta fuqu penali amministrattiva ta' 500 u 50 punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizz ta' Garr ta' Passiggieri, bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita` appellata."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**ipprezentata fil-25 ta' Settembru 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Rappresentazzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tad-19 ta' Awwissu 2013 ghandha tigi konfermata stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma.*

*Illi in oltre, minn imkien ma jirrizulta illi f'xi waqt tul ir-rappresentazzjonijiet, l-appellat, quddiem il-Bord, ma ressaq l-ebda prova sodisfacenti li turi li l-persuni msemmija b'xi mod kienu jafu lill-appellant.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ggib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u filwaqt li ssir riferenza ghax-xhieda u provi gia mressqa u tirriserva li tressaq dawk il-provi l-ohra kollha permessi lilha bil-ligi, titlob li d-decizjoni tad-19 ta' Awwissu 2013 tigi konfermata fl-intier taghha."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1], ta' EO18 Anthony Brincat[2] u ta' Joseph Camilleri[3];

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr. Maria Azzopardi;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

---

[1] A fol. 16 sa fol. 20
[2] A fol. 21 sa fol. 27
[3] A fol. 28 sa fol. 31

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata li permezz ta' decizjoni datata 19 ta' Awissu 2013 infurmatu bis-segwenti:-

*"Avviz ta' Penali Amministrattiva skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56)*

*Referenza tal-kaz: TM 681/2013*

*Nirreferu ghar-rapprezentazzjonijiet tieghek mibghuta lill-Awtorita` f'ittra datata 5 ta' Awwissu 2013.*

*Wara li l-Awtorita` ikkunsidrat ir-rapprezentazzjonijiet tieghek, gie deciz li dawn ma humiex gustifikabbli u ghalhekk ma gewx milqugha.*

*Ghaldaqstant int infurmat li giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €500 u 50 Punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri."*

Illi **r-rikorrent** stqarr illi huwa xufier ta' *mini bus*. Jghid li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien ghaddej f'St.Andrew's Road, San Giljan wara t-traffiku u mar fuqu ufficjal tal-Awtorita` u qallu biex isuq. Jghid li meta kien fl-istess triq kien mar wiehed Libjan fis-sakra u fetahlu l-bieba tal-van. Huwa qallu biex jinzel mill-van u ipparkja fiz-zona fejn huwa permess li jipparkjaw il-*mini buses*. Jghid li fil-hin li l-ufficjal tal-Awtorita` tah ic-citazzjoni il-van kien vojt.

**EO18 Anthony Brincat**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi hu u kollega tieghu kienu qeghdin St. Andrew's Road, faccata tal-*bus stops*. Jistqarr illi r-

rikorrent kien waqqaf il-van fuq l-ahhar *stage* u telghu zewg passiggieri, saq ftit u waqqaf f'zona riservata ghall-*mini buses*. Jghid li mbaghad mar ikellem passiggieri li kienu fuq *bus stop* iehor u passiggier minnhom tela' fil-van tar-rikorrent. Meta l-ufficjali marru jkellmuh ir-rikorrent qalilhom li l-passiggieri kienu bbukkjati pero` iktar tard fl-istess deposizzjoni x-xhud jghid li r-rikorrenti qalilhom li kien qed jistenna xi nies li kienu bbukkjati. Jghid li huma bhala ufficjali ma vverifikawx mal-passiggieri jekk fil-verita` dawn kinux ibbukkjati jew le.

**Joseph Camilleri**, ufficjal tal-Awtorita' intimata, stqarr li fil-gurnata tal-incident in kwisjtoni kienu tliet kollegi f'St. Andrew's Road, San Giljan. Jghid li hu ra lir-rikorrent iwaqqaf fuq l-ahhar *bus stop* u ghabba zewg persuni u mbaghad saq ghaz-zona fejn suppost jipparkjaw il-*mini buses.* Sussegwentement ra lir-rikorrent niezel mill-van u mexa ghal fuq *bus stop* tan-nofs u staqsa lin-nies li kienu fuq l-istess *bus stop "Where do you want to go? Bugibba?"* u kien hemm persuna li hallsitu u r-rikorrent baghtu jirkeb fil-van. Jghid li hu u l-kollegi tieghu qasmu t-triq u marru jkellmuh u hu qalilhom li kien ipparkjat sewwa u li kien qieghed jistenna lin-nies tieghu.

Illi dan it-Tribunal josserva illi skond l-avviz li ntbaghat lir-rikorrent, huwa gie misjub hati mill-Awtorita` intimata li mar kontra r-Regolament numru 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggier).

Illi l-imsemmi Regolament jghid is-segwenti:-

*"**42.** (1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha -*

*(a) tbiegħ, jew*

*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*

*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri."*

Illi m'hemmx kontestazzjoni illi l-vettura li kien qieghed isuq ir-rikorrent taqa' fid-definizzjoni ta' "vettura ghall-garr ta' passiggieri." L-intenzjoni tal-Legislatur wara dan il-provvediment appena citat kienet illi l-vetturi ghall-garr tal-passiggieri m'ghandhomx jitqieghdu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b'avviz minn qabel. Hekk perezempju ma jistghux jieqfu fit-triq u jistaqsu lill-persuni jekk ridux iwassluhom x'imkien. Il-ftehim biex jigi offrut is-servizz tal-istess vetturi jista' jsir biss minn gabbani awtorizzati, postijiet kummercjali awtorizzati, mill-ufficini tal-operatur jew mic-centru fejn jopera, jew inkella *online,* permezz tat-telefown jew bil-posta.

Illi **fil-korp tar-rikors promutur** ir-rikorrent isemmi li tlett persuni li kienu jidhru ta' nazzjonalita' Gharbija kienu fuq *bus stop* u ttentaw jidhlu fil-van tieghu pero hu ma hallihomx u baqa' sejjer jipparkja fiz-zona riservata ghall-*mini buses.* Illi mbaghad waqt **id-deposizzjoni** tieghu ir-rikorrent spjega li meta kien ghaddej minn St. Andrew's Road, San Giljan kien hemm Libjan li kien fuq *bus stop*, fetahlu l-bieba u hu qallu biex jinzel.

Illi min-naha l-ohra iz-zewg *Enforcement Officers* prodotti mir-rikorrent stess taw l-istess verzjoni ta' kemm raw nies fil-van tar-rikorrent u l-mod kif l-istess

persuni telghu fil-van tar-rikorrent. It-tnejn jaqblu li raw lir-rikorrent l-ewwel itella' zewg persuni minn fuq l-ahhar *stage* u mbaghad l-istess rikorrent rawh jipparkja l-van, jinzel minnu u javvicina persuni li kienu qed jistennew fuq l-*istage* tan-nofs wara liema persuna minnhom telghet fil-van tar-rikorrent, b'wiehed mill-ufficjali prezenti jistqarr li sema' lir-rikorrent jistaqsi lin-nies fejn riedu jmorru.

Illi dan it-Tribunal, filwaqt li jirravviza nuqqas kbir da parti tal-ufficjali tal-Awtorita' intimata li tal-inqas ma kellmux lill-persuni li raw jitilghu fil-van tar-rikorrent sabiex jiehdu l-verzjoni taghhom, isib li l-verzjoni moghtija mill-istess ufficjali ghandha izjed mis-sewwa mill-verzjoni li ta r-rikorrent waqt id-deposizzjoni tieghu. Illi ghalkemm huwa minnu li t-triq fejn l-ufficjali kienu qed josservaw lir-rikorrent hija wahda ta' certu wisa', u li dak il-hin seta' kien hemm ammont ta' traffiku ghaddej, pero' it-Tribunal ma jeskludix li kien hemm il-possibilita' li wiehed mill-ufficjali tal-Awtorita' sema' lir-rikorrent jistaqsi lill-persuni li kienu fuq l-i*stage* fejn riedu jmorru. Illi di piu' l-ufficjali tal-Awtorita' spjegaw kif wara li tawh it-tahrika ir-rikorrent telaq minn fuq il-post, u dan nonostante li kien ghadu kemm qalilhom li kien qieghed jistenna xi nies li kienu bbukkjati mieghu. Illi jekk verament kien qieghed jistenna xi nies li kienu ibbukkjati ma kienx se jaqbad u jitlaq hekk. Illi ghalhekk, mill-assjem tal-provi jirrizulta illi l-affarijiet graw kif relatati mill-ufficjali tal-Awtorita' intimata u cioe` li r-rikorrent qieghed il-*mini bus* tieghu ghall-kiri kontra r-Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjara 499.56.

Illi, ghaldaqstant, dan it-Tribunal ma jsibx li l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata huwa wiehed gustifikat u ghalhekk qieghed jikkonferma l-istess decizjoni fit-totalita` taghha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata, jichad l-appell imressaq mir-rikorrent kontra d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 19 ta’ Awissu 2013.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------